**Deċiżjoni tas-Sedja dwar *casting vote* mogħti fis-Seduta Nru 440 - Il-Ħamis, 26 ta' Jannar 2012**

Peress li wara li ttieħdet votazzjoni mill-membri ma kienx hemm maġġoranza minnhom favur u lanqas kontra, għall-mozzjoni nru 286 imressqa mill-Onor Anġlu Farrugia t-Tnejn, 23 ta' Jannar 2012 minħabba li r-riżultat tal-votazzjoni kien ta' 34 favur u 34 kontra u astensjoni 1 u f'każ bħal dan ta' vot indaqs fil-Kamra s-Sedja għandha obbligu li teżerċita vot deċiżiv kif tesiġi l-Kostituzzjoni ta' Malta f'artikolu 71, paragrafu 2 kif ukoll l-Ordni Permanenti Nru 21;

Peress li l-prinċipji stabbiliti biex jirregolaw sitwazzjoni bħal din jirriżultaw minn preċedenti f'każijiet simili f'din il-Kamra tad-Deputati konfortata minn prattika kif imfissra fl-Erskine May, Parliamentary Practice Edizzjoni 23, ċioè li vot deċiż tal-iSpeaker għandu jiġi eżerċitat b'mod li safejn hu possibbli jitħalla lok għal aktar diskussjoni u li fejn mhux possibbli aktar diskussjoni d-deċiżjoni m'għandhiex tittieħed jekk mhux b'maġġoranza;

Għalhekk is-Sedja fl-eżerċizzju tal-vot deċiżiv, *casting vote,* tagħha tapplika dawn il-prinċipji kif elenkati billi tivvota kontra l-mozzjoni.